Il-Velu fl-Iżlam



Introduzzjoni

Il-velu ilu ħafna jitqies bħala simbolu tal-pożizzjoni servili tan-nisa fil-pajjiżi Iżlamiċi. In-nisa Musulmani ħafna drabi jiġu deskritti fid-dinja tal-Punent bħala aljenati, iżolati u bla vuċi ta' xejn. Jiġu murija bħala maħqura mill-irġiel Musulmani u mill-mexxejja li jinqdew bl-isem tar-reliġjon biex iwettqu l-inġustizzji kontrihom.

Ċerti tattiċi jiġu utilizzati minn elementi tal-midja fil-Punent biex jippruvaw jinfilzaw l-idea fis-soċjetà li n-nisa Musulmani huma ttrattati differenti mill-irġiel fl-Iżlam u li huma jiġu maħqura, saħansitra minn reġimi moderati Iżlamiċi. Kliem bħal 'imxekklin', 'ripressi', 'imkeffnin' u 'mjassrin' huwa użat biex iwassal l-immaġni li n-nisa Musulmani huma l-oġġetti ta' qrabathom irġiel u li huma m'għandhom assolutament l-ebda drittijiet individwali.

Matul iż-żminijiet il-velu fis-soċjetà oċċidentali sar aktar u aktar suġġett kontroversjali u żviluppaw ħafna kunċetti żbaljati dwar l-għan proprju tiegħu. Konsegwenza ta' hekk, ħafna soċjetajiet jemmnu li n-nisa Musulmani għandhom jeħilsu lilhom infushom minn dan il-velu.

Fl-Iżlam il-modestà u l-kastità huma aspetti importanti ħafna tal-fidi u jinkisbu billi jiġu stabbiliti modi partikolari ta' mġiba u lbies. Jingħad fil-Koran Imqaddes:

"U għid lil dawk in-nisa li jemmnu biex irażżnu għajnejhom u jħarsu l-partijiet privati tagħhom, u li ma jurux is-sbuħija u t-tiżjin tagħhom ħlief dak li jrid jidher u li għandhom jiġbdu l-għata ta' rashom fuq sidirhom u li ma jurux is-sbuħija u t-tiżjin tagħhom ħlief lil żwieġhom ..." (Kap.24: V.32)

L-Iżlam hija reliġjon imxerrda globalment u għalhekk ma hemm l-ebda lbies speċifiku jew obbligatorju komuni għan-nisa Misilmin. Bħala riżultat ta' dan, kull pajjiż jew soċjetà jadattaw l-użanzi kulturali tagħhom fejn jirrigwarda l-velu skont l-istruzzjonijiet tal-Koran. Għaldaqstant, kemm mara tgħatti lilha nnifisha hija deċiżjoni personali basta l-modestà tkun osservata skont it-tagħlim tal-Iżlam, hekk kif inhu mfisser fil-kwotazzjoni ta' hawn fuq. Għalhekk, l-osservanza tal-ilbies tal-velu tagħmel parti mit-twemmin tal-mara Musulmana. Hija żżid id-dinjità u r-rispett lejn in-nisa biex huma jkunu rikonoxxuti fis-soċjetà bħala individwi li huma rispettati għall-intelliġenza, il-personalità, u l-akkwisti akkademiċi tagħhom aktar milli għall-ġmiel fiżiku tagħhom.

Il-velu huwa assoċjat biss mal-Iżlam?

Kunċett żbaljat illum il-ġurnata huwa li l-velu jintlibes b'mod esklussiv min-nisa Musulmani. Huwa fatt magħruf li nisa ta' reliġjonijiet oħra libsu l-velu tul iż-żminijiet. Fil-Kristjaneżmu, pereżempju, wieħed mill-aktar każijiet magħrufa ta' mara qaddisa li tosserva l-ilbies tal-velu hija

Marija Omm Ġesù, li l-ilbies tagħha tal-velu dejjem intuża biex titwassal l-idea tal-modestà u l-umiltà tagħha. Eżempju ieħor evidenti ħafna fid-dinja tal-lum tal-osservanza tal-ilbies tal-velu huma s-sorijiet Insara, li jgħattu xagħarhom u jilbsu lbies ta' fuq modest ħafna. Barra minn hekk, fil-Ġudaiżmu, in-nisa ħafna drabi jgħattu xagħarhom bħala xempju ta' modestà.

Kif għandu jitqies il-velu fis-soċjetà moderna tal-lum?

Il-velu m'għandux ikun xkiel għas-suċċess. Fis-soċjetà moderna tal-lum, l-ilbies tal-velu m'għandu joħloq l-ebda ostakolu għan-nisa Musulmani li jaħdmu f'ambjenti professjonali. M'għandhom jitolbu jew jistennew l-ebda konċessjonijiet speċjali li għandhom jiġu introdotti minħabba l-velu u għalhekk għandhom jaħdmu sew b'mod professjonali ma' kollegi oħra f'diversi oqsma li jinkludu l-mediċina, il-liġi, ix-xjenza u t-tagħlim. Il-velu m'għandux joħloq ostakoli żejda f'dawn l-oqsma jew fi professjonijiet oħra.

Il-velu huwa mezz ta' soppressjoni u mod ta' kif iżomm in-nisa taħt kontroll minn qrabathom irġiel?

Għal ħafna, il-velu jista' jitqies bħala mezz ta' restrizzjoni fuq il-mara mħaddem minn qrabatha rġiel. Madankollu, il-velu mhuwiex simbolu tal-awtorità ta' raġel fuq il-mara, u l-fatt li din tilbes wieħed ma jfissirx li hemm xi ħadd li għandu xi tip ta' kontroll fuqha. Bl-ilbies tal-velu, mara tkun qed taċċetta volontarjament li tosserva l-kmandament ta' Alla u t-tagħlim tal-Iżlam, u dan tagħmlu bir-rieda ħielsa tagħha. Għal dawk in-nisa Musulmani li jagħżlu li jilbsu l-velu, dan jirrappreżenta simbolu ta' protezzjoni, rispett u dinjità.

Jekk in-nisa Musulmani jilbsu l-velu, dan ma jurix lis-soċjetà li n-nisa Musulmani huma inferjuri u mhumiex ugwali għall-irġiel?

L-Iżlam jiddikjara bħala fatt indiskutibbli li n-nisa u l-irġiel huma ugwali u li għandhom jipproteġu lil xulxin. Għalhekk l-Iżlam jikkonċedi drittijiet ugwali u opportunitajiet lil kulħadd, irrispettivament mis-sess. Quddiem Alla, in-nisa huma ugwali għall-irġiel, anki jekk fiżikament huma differenti ħafna minn xulxin.

Dawn id-differenzi jagħmluhom aktar adatti mill-irġiel biex iwettqu ċerti responsabbiltajiet, iżda fl-istess ħin jagħmluhom ukoll aktar suxxettibbli għal ċerti perikli fis-soċjetà. Minħabba li n-nisa jistgħu jaqgħu vittmi tal-isfruttament u l-abbuż, l-Iżlam iwiddibhom biex huma stess jipproteġu lilhom infushom billi jgħattu ġisimhom, biex b'hekk joħolqu ostakolu fiżiku kontra dawn il-perikli. Għaldaqstant, il-velu mhuwiex qiegħed hemm biex joħloq differenza bejn l-irġiel u n-nisa, iżda aktar biex jillibera lin-nisa u jgħinhom jeċċellaw f'kull qasam tas-soċjetà.

Għalfejn l-irġiel mhumiex kostretti li jilbsu l-velu?

Fil-verità anki l-irġiel huma mistennija li jieħdu responsabbiltà sħiħa fl-osservanza tal-modestà hekk kif inhu miktub fil-Koran Imqaddes:

"Għid (Muħammad) lill-irġiel li jemmnu biex irażżnu għajnejhom u jħarsu l-partijiet privati tagħhom. Dak huwa aktar safi għalihom. Tabilħaqq li Alla jaf sewwa b'dak li jagħmlu." (Kap.24: V.31)

Kieku kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa Musulmani jipprattikaw dak li hu ssuġġerit lilhom fil-Koran Imqaddes, l-azzjonijiet individwali tagħhom jikkumplimentaw lil xulxin u b'hekk tinħoloq soċjetà aktar armonjuża.

Jekk l-użu tal-velu jiġi pprojbit, dan veru jiswa ta' liberazzjoni għan-nisa Musulmani?

L-ebda gvern jew entità professjonali m'għandu l-jedd li jipprova jipprojbixxi l-użu tal-velu għaliex dan ikun ksur tal-għażla tal-individwu u jirrestrinġi t-twemmin reliġjuż ta' dak li jkun. Kull attentat biex jitwaqqaf l-ilbies tal-velu jikser id-drittijiet fundamentali ta' ċittadini individwali li ma jħossu bl-ebda mod li huma restritti bih. Għaldaqstant il-projbizzjoni tal-użu tal-velu mhuwiex liberazzjoni; iżda aktarx ikun ta' umiljazzjoni għan-nisa Musulmani.

Lealtà | Ħelsien | Ugwaljanza | Rispett | Paċi

Imħabba għal Kulħadd | Mibegħda għal Ħadd

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

'The Islamic Veil' in Maltese language.

Mob: +356 7932 0139 | **Tele:** +356 2734 2401
Tele: +356 2132 2105 | **Fax:** +356 2732 2105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

Stampa: © shutterstock.com